GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR230368 | 10.03.2023 | 2 |
|---|---|---|

# STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

***Żjara ta' kortesija minn-Nanniet Malta lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

Id-Deputat Speaker David Agius irċieva żjara ta' kortesija mill-President ta' Nanniet Malta Philip Chircop.

Din iż-żjara ta' kortesija nżammet sabiex jiġi mfakkar id-disa' anniversarju minn meta l-Parlament Malti, b'vot unanimu proprju nhar it-12 ta' Marzu, kien iddikjara li t-tieni Ħadd t'Ottubru jkun iddedikat bhala "Jum in-Nanniet".

Id-Deputat Speaker faħħar il-ħidma ta' Nanniet Malta filwaqt li rringrazzja lin-nanniet tal-għajnuna li jagħtu lill-uliedhom fit-trobbija tan-neputijiet sabiex l-istess ġenituri jkunu jistgħu jkomplu jimirħu fil-ħajja tagħhom.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt